



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Marzu 2014 – Deutsche Bank vs UASI (Leistung aus Leidenschaft)

(Kawża T-539/11)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Leistung aus Leidenschaft — Trade mark li hija kkonstitwita minn slogan ta' reklamar — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament — Obbligu ta' motivazzjoni — Provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali”

1. *Trade mark Komunitarja — Dispożizzjonijiet proċedurali — Motivazzjoni tad-deċiżjonijiet — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 — Portata identika għal dik tal-Artikolu 296 TFUE (Artikolu 296 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 75) (ara l-punt 13)*
2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Eżami separat tar-raġunijiet ta' rifjut fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti jew servizzi msemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni ta' rifjut ta' reġistrazzjoni — Portata (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikoli 7(1) u 75) (ara l-punti 14, 15)*
3. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv — Trade marks li huma kkonstitwiti minn slogans ta' reklamar — Formula promozzjonali ta' natura li tfaħħar (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punt 29)*
4. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv tas-sinjal — Trade mark komposta minn diversi elementi — Possibbiltà għall-awtorità kompetenti li twettaq eżami ta' kull wieħed mill-elementi kostituttivi tat-trade mark — Neċessità li tittieħed inkunsiderazzjoni l-perċezzjoni globali tal-kombinazzjoni mill-pubbliku rilevanti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punt 36)*
5. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv — Trade mark verbali Leistung aus Leidenschaft (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 41-47)*

6. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Evalwazzjoni tal-karattru registrabbli ta' sinjal — Teħid inkunsiderazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja biss — Reġistrazzjoni preċedenti tat-trade mark f'ċerti Stati Membri jew pajjiżi terzi — Deċiżjonijiet li ma jorbtux lill-istituzzjonijiet Komunitarji (ara l-punti 53)*
7. *Trade mark Komunitarja — Deċiżjonijiet tal-Uffiċċju — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Prassi deċiżjonali preċedenti tal-Uffiċċju (ara l-punti 61-63)*

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Awwissu 2011 (Każ R 188/2011-4), li tirrigwarda applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Leistung aus Leidenschaft bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Deutsche Bank AG hija kkundannata għall-ispejjeż